MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2011

Numru. 1238/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Louise Calleja**
**Spettur Therese Sciberras**
**Spettur Paul Vassallo**

**vs**

**Sabrina Bonett**

Il-Qorti;

Rat li l-imputata Sabrina Bonett ta' 28 sena, bint Joseph u Marion nee' Gauci, mwielda tal-Pieta' fis-16 ta' Settembru 1978 u residenti fil-fond Nru. 8, Sqaq il-Patrunat, Sliema u detentrici tal-karta tal-identita' numru 475678(M) u giet mressqa quddiemha akkuzata talli:

Fit-18 ta' Novembru 2006, u fil-gimghat ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, zammet jew ezercitat jew kellha sehem ma'

ohrajn fl-ezercizzju ta' burdell jew ta' dar, hanut jew lokal iehor jew ta' xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew maghduda bhala li hija ffrekwentata ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali bi ksur tal-Artikoli (1) (3) tal-Kap. 63 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi offendiet il-pudur jew il-morali, b'ghemil li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost ghall-pubbliku bi ksur tal-Art. 209 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi f'lok iehor pubbliku, nezghet gharwiena jew ma kinitx liebsa xieraq bi ksur tal-Art. 338 (q) tal-Kodici Kriminali.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 14 ta' Dicembru 2006 (esebit a fol. 28 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputata waqt l-ezami li sarilha fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2006 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi dawn il-proceduri skattaw wara perkwizizzjoni li l-Pulizija ghamlet fit-18 ta Novembru 2006 gewwa l-istabbiliment AO Platinum, f'San Giljan fejn fih kien hemm tfajliet ta' nazzjonalitajiet varji libsin mill-anqas li kienu qed jixorbu jew jizfnu pole dancing jew lap dancing fl-intern ta' dan l-istabbiliment frekwentat bhala regola mill-irgiel. L-imputata tinsab akkuzata bir-reat kontemplat fl-Artikolu 8 tal-Kap. 63 kif ukoll bir-reat kontemplat fl-Artikolu 209 tal-Kodici Kriminali u bil-kontravenzjoni kontemplata fl-

Artikolu 338(q) tal-Kodici Kriminali. Minn imkien mill-provi ma jirrizulta li l-istabbiliment in dizamina jew xi parti minnu kien frekwentat ghal skopijiet ta’ prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali jew li l-imputata b’xi mod kellha sehem fl-ezercizzju ta’ burdell. Mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Louise Calleja (traskrizzjoni tax-xhieda relattiva nserita a fol. 100 sa 102) u mix-xhieda tal-membri l-ohra tal-korp tal-Pulizija (PS1033, WPS56, PC311, PC519 u WPC25) li ppartecipaw fil-perkwizizzjoni li saret fit-18 ta’ Novembru 2006 minn imkien ma jirrizulta li xi hadd minnhom ra lill-imputata taghmel xi haga, hija fil-fatt ma giet identifikata minn hadd bhala wahda miz-zeffiena li raw fuq id-dance floor jew qed jixorbu mal-irgiel li kien hemm mal-bar. Mill-provi rrizulta biss li hija kienet wahda mit-tfajliet li kienu fid-dressing rooms u li gew fotografati mill-Pulizija li ghamlu l-perkwizizzjoni. Mill-istqarrija tal-imputata (inserita a fol. 107 sa 109) u mix-xhieda taghha (nserita a fol. 135 et sequitur) jirrizulta li hija fil-fatt kienet fid-dressing rooms meta dahlu l-Pulizija fil-lokal. L-imputata qalet ukoll li hija kienet impjegata fl-imsemmi lokal bhala zeffiena u li gieli kienet taghmel pole dancing u lap dancing. Hija izda specifikat li qatt ma kien ikun hemm ebda kuntatt fiziku mal-irgiel li kienu jiffrekwentaw il-lokal. Minn imkien mill-provi ma jirrizulta li l-fond fejn saret il-perkwizizzjoni kien qed jintuza ghal skopijiet ta’ prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali jew li l-imputata kienet qed taghmel xi haga li toffendi l-morali f’lok pubbliku jew f’lok espost ghall-pubbliku.

Stabbilit li l-imputata ma tistghax tinstab hatja tal-ewwel u tat-tieni akkuza migjuba fil-konfronti taghha jibqa’ sabiex tigi kkunsidrata t-tielet akkuza u cioe’ dik fejn l-imputata qed tigi akkuzata li esponiet ruhha fil-pubbliku jew gherwiena jew inkella b’ilbies mhux xieraq. Mir-ritratti esebiti a fol. 133 mehuda minn PS 186 Christian Mintoff jirrizulta li l-imputata tidher fir-ritratti mmarkati bhala 16 u 17 fejn tidher liebsa bikini top u panty u dublett qasir. Apparti li kif diga’ inghad aktar ‘il fuq mill-provi rrizulta biss li l-imputata instabet fid-dressing rooms liebsa dan l-ilbies u l-Qorti ghandha dubju kemm id-dressing rooms li ghalihom hemm access biss ghaz-zeffiena jistghu jtiqiesu bhala lok espost ghall-pubbliku, il-Qorti ma jidrilhiex li l-

ilbies li kienet liebsa l-imputata kif riportat fir-ritratti msemmija jista' jitqies bhala mhux xieraq. Dan l-ilbies huwa simili hafna ghal dak li naraw ta' spiss fuq ix-xtut taghna fis-sajf u addirittura fuq xi zeffiena li naraw fuq it-televizjoni u l-Qorti ma jidrilhiex li dan jista' jtiqies bhala mhux xieraq.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputata mhux hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfronti taghha u konsegwentement tilliberaha mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------